# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Guramentat Numru : 332/2017/LSO**

**Avv Noella Sciriha u Avv Mark Attard Montalto bhala mardatarji specjali ta' Ryon Hae Ho tal-Passaport Malti 1259065 illum maghruf bl-isem Monnah Eliza Ho**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr Noella Sciriha ghan-nom ta' Ryon Hae Ho llum maghruf bl-isem Monnah Eliza Ho, datat 11 ta' April 2017 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti llum hija cittadina Maltija fejn l-istess persuna kienet qabel residenti gewwa il-United Arab Emirates u liema karta tar-residenza taghha turi li isimha huwa 'Monnah Eliza Ho' skont id-dokumenti annessi bhala **Dok MEH1 u MEH2** u mhux 'Ryon Hae Ho';

Illi r-rikorrenti mhux biss kellha u ghandha isimha bhala 'Monnah Eliza Ho' imma tali rikorrenti ghandha wkoll Passaport mill-gzejjer St Kitts u Nevis u ghandha wkoll kondotti tal-Pulizija kemm minn St Kitts u Nevis kif ukoll mill-United Arab Emirates taht isimha Monnah Elizah Ho, u dan kif jirrizulta mid-**dokumenti MEH 3, MEH 4 u MEH 5;**

Illi r-rikorrenti tinforma l-Qorti wkoll li hi mizzewga lil 'Kong Quk Hong' illum 'Theo Kendrick Hong';

Illi r-rikorrenti originarjament kienet imwielda bl-isem 'Ryon Hae Ho' gewwa l-Korea t'Isfel u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat **Dok MEH 6;**

Illi r-rikorrenti ghalhekk dejjem kellha l-kunjom missierha u cjoe' 'Ho' li dejjem zammet;

Illi l-attrici flimkien mal-familja taghha emigraw lejn St Kitts u Nevis u imbaghad il-United Arab Emirates;

Illi l-attrici uzat l-isem ta' 'Monnah Elizah' u zammet l-istess kunjom taghha 'Ho', u dan ghaliex kienet hafna aktar facli sabiex tinftiehem u tigi pronunzjata gewwa l-pajjizi li ghexet fejn il-lingwa ewlenija taghha hija dik Ingliza u fejn jirriflettu d-*deed poll* li kienet ghamlet gewwa St Kitts u Nevis liema *deed poll* jinsab anness bhala **Dok MEH *7*** liema kopja tieghu huwa datat it-13 ta' Frar 2014 u fejn tali *deed poll* huwa regolat b'mod legali mill-pajjz ta' St Kitts u Nevis;

Illi minn dakinhar 'l hemm l-attrici qatt ma regghet uzat l-isem precedenti u dejjem uzat isimha bhala 'Monnah Elizah';

Illi huwa evidenti illi c-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta m'huwiex qieghed jirrifletti u jirrispetta ligijiet ta' *private international law* fejn wiehed ghandu jaderixxi u jirrispetta fil-principju ta' 'mutual recognition' atti ufficjali minn pajjiz iehor;

Illi din is-sitwazzjoni qieghed jikkreja konfuzjoni mad-dokumentazzjoni ufficjali mahruga mill-Awtorita' ta' Malta fejn inhargu Passaporti f'isem Ryon Hae Ho u mhux f'isem Monnah Elizah Ho;

Illi l-mittenti ghandha kontijiet bankarji f'isimha bhala Monnah Elizah Ho u ghandha diversi dokumenti ufficjali f'isimha bhala Monnah Elizah Ho;

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tirregola l-pozizzjoni taghha li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid bin-

numru: 7086/2016 immarkat bhala **Dok. MEH 8** sabiex dan jigi jirrifletti r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata din il-konfuzjoni.

Ghaldaqstant ir-rikorrent *nomine* umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Jghid ghalhekk il-konvenut ‘il ghala din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taqta’ u tiddiciedi illi :

1. Tiddikjara illi l-ismijiet tal-attrici fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' fic-certifikat tat-Twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru 7086/2016 ghandhom ikunu u jigu sostitwi bl-ismijiet 'Monnah Elizah' u mhux 'Ryon Hae', u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostamzi;

2. Tiddikjara illi l-isem tal-attrici fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' fic-certifikat tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru 7086/2016 ghandha tkun 'Monnah Elizah' u mhux ' Ryon Hae';

3. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attrici, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru 7086/2016 billi taht il-kolonna 'Ismijiet moghtijin' il-kliem 'Ryon Hae' jigu sostitwiti bil-kliem 'Monnah Elizah' u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Mejju 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Mejju 2017 (fol 48) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk l-attrici tiddikjara taht liema dispozizzjoni tal-ligi qed tibbaza l-proceduri istanti, salv pero' illi l-esponenti tirriserva d-dritt taghha illi jekk ikun il-kaz tkun f' pozizzjoni li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv 7086 tas-sena 2016, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', saret skont **l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan abbazi tal-formola *'Request for Registration Form',* annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2'. F'dan l-istadju l-esponenti tissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont l-att esteru li gie pprovdut lilu, liema dokument huwa anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

5. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid ta' Ryon Hae Ho, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

6. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul iddikjarat li qed taccetta l-awtenticita` tad-dokumenti esebiti u ma sabitx oggezzjoni li l-originali jigu rtirati mir-rikorrenti. Il-Qorti awtorizzat li l-originali jigu rtirati mas-sentenza finali. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament skont il-Ligi nhar it-18 ta' April 2017 (fol 47a), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat, gie dikjarat fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2017, li l-kawza odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 253(2) tal-Kap 16.

**Il-fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kienet residenti gewwa l-United Arab Emirates, u fil-gzejjer St.

Kitts u Nevis. Jirrizulta li originarjament hija kienet imwielda gewwa l-Korea t'Isfel, kif jidher mic-certifikat tat-twelid Dok MEH6. Illi matul iz-zmien li hi kienet tirrisjedi fl-Emirati u f'St.Kitts u Nevis, hi kellha dokumenti esebiti minn Dok MEH1 sa MEH5 li juru li isimha kien "Monnah Elizah Ho" u mhux "Ryon Hae Ho". Jirrizulta, li r-rikorrenti, wkoll esebiet d-*deedpoll* datat 13 ta' Frar 2014, li sar f'St. Kitts u Nevis, bhala Dok MEH7, fejn inbidel isimha ghal "Monnah Elizah".

Illi c-certifikat tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fit-termini tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi :

*"**244.** (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270 (1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

**Dritt:**

Illi dwar ir-rikonoxximent tad-"deed poll", f'kaz simili ghal dak taht ezami, **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, gie ribadit hekk mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011:

*"illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur..bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

F' dak il-kaz il-Qorti tal-Appell kompliet:

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l-hekk imsejjah "deed poll", u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi…………Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."*

*"Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-"deed poll" u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-"deed poll" saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet*

*tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-prezunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba vs Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, intqal li:*

*'chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onore della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge;mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*"Taht il-ligi Maltija wiehed ma jistax jirrinunzja ghall-kunjom u jadotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-"deed poll" jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li taht il-ligi Ingliza dak id-dokument hu validu u ghandu l-effetti li jippretendi."*

Il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

*"Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

(Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino v Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ghalhekk, mill-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrizulta li biex jirnexxi u l-Qorti tkun tista' tirrikonoxxi *deed poll* f'pajjiz esteru, trid issir il-prova mir-rikorrent li sar id-*deed poll,* li hu validu *stante* li ghandha tingieb prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u li saret xi forma ta' registrazzjoni.

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Fil-kaz odjern, jirrizulta li r-rikorrenti kienet originarjament imwielda fil-Korea t'Isfel kif jidher mic-certifikat tat-twelid esteru esebit mar-rikors promotur bhala, Dok MEH 6. Illi jirrizulta li r-rikorrenti kienet toqghod fil-gzejjer St Kitts u Nevis kif ukoll gewwa l-United Arab Emirates. Illi mid-dokumenti esebiti Dok MEH1 u Dok MEH2, isimha huwa indikat bhala "Monnah Elizah". *Di piu`,* f'dokumenti ufficjali ohrajn li kellha f'dawn il-pajjizi, esebiti bhala Dok MEH3, Dok MEH4, u Dok MEH5, isimha huwa wkoll indikat bhala "Monnah Elizah Ho".

Illi permezz tad-"deedpoll" in kwistjoni, r-rikorrenti irriteniet kunjomha 'Ho' u filwaqt li biddlet l-ismijiet minn "Ryon Hae" ghal "Monnah Elizah", peress li dawn l-ismijiet huma aktar facilment pronunzjati f'pajjizi fejn tintuza l-lingwa Ingliza.

Ghaldaqstant, l-ismijiet tar-rikorrenti jidher li gew rikonoxxuti, hekk kif tnizzel fid-“deedpoll”. Madanakollu ma hemm l-ebda prova li tali bidla giet annotata fuq ic-certifikat tat-twelid originali taghha jew prova tal-ligi estera kif rikjest mill-gurisprudenza fuq citata.

Illi izda, ghalkemm it-talba tfalli taht dan l-aspett, hija konformi ma dak rikjest mill-artikolu 253(2) tal-Kap 16 billi jirrizulta ppruvat a soddisfazzjoni ta' din il-Qorti li r-rikorrent uza konsistentement l-ismijiet 'Monnah Elizah' u mhux 'Ryon Hae' .

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi ghandu jigi senjalat li fil-mori tal-proceduri giet introdotta emmenda ghall-**artikolu 257 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** permezz tal-Att XXIII tas-sena 2017[1] li taghti lill-cittadini Maltin id-dritt li japplikaw lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa " *fejn ir-reġistrazzjoni ta’ persuna bħala ċittadin ta’ Malta ssir jew tkun se ssir abbażi tal-isem u, jew il-kunjom li jkunu jidhru fl-att tat-twelid ta’ dik il-persuna u din ir-reġistrazzjoni tkun tista’ tagħti lok għall-ħolqien ta’ identità doppja jew nuqqas ta’ kjarezza dwar l-identità ta’dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx għadha reġistrata b’dak l-isem u, jew il-kunjom fl-atti uffiċjali ta’pajjiż ieħor*" .

[1] *XXIII.2017.53.*

Illi l-kaz odjern hija fost dawk ikkontemplati b'dan is-subartikolu kif hekk emmendat u ghalkemm il-kaz kien gie introdott quddiem din il-Qorti u mhux quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili, ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tapplika l-artikolu kif emmendat a beneficcju tar-rikorrenti.

Izda, din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit mill-intimat, li r-registrazzjoni saret skont l-artikolu 244 tal-Kap 16, kif jidher minn Dok DRP 2 u Dok DRP 3 esebiti. Ghalhekk, ma sarx zball da parti tal-intimat, kwindi d-Direttur intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti n*omine* kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-ismijiet tal-attrici fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' fic-certifikat tat-Twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru 7086/2016 ghandhom ikunu u jigu sostitwi bl-ismijiet 'Monnah Elizah' u mhux 'Ryon Hae';

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-ismijiet tar-rikorrent fic-certifikat tat-twelid numru 7086/2016 ghandu jkun "Monnah Elizah" u mhux "Ryon Hae".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent numru 7086/2016, billi l-ismijiet "Ryon Hae" jigu sostitwiti bl-ismijiet "Monnah Elizah".

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta li l-korrezzjoni hawn ordnata ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll referenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirtira l-original tad-*deed poll* esebit in atti *animo ritirandi.*

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**